# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 22 ta' Awwissu, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Bruno Valeriani**

**Kumpilazzjoni Numru**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Bruno Valeriani detentur tal-Karta tal-Identita' Taljana bin-numru AX0104681.

Akkuzat talli nhar il-21 ta' Awwissu, 2017 ghall-habta tas-2:30 ta' filghodu gewwa l-istabbiliment maghruf bhala 'Numero Uno' sitwat gewwa Ta' Qali limiti ta' H'Attard, ikkommetta serq ta' gizirana u pendent tad-deheb ghad-dannu ta' Ismael Sciriha, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorriex l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin;

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat d-dokumenti prezentati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tra-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat min-naha, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta'l-imputat; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputat hallas lid-derubat il-valur ta'l-oggett misruq.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267, 270 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sittax (16) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28 ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospieza ghal perjodu ta' sentejn (2).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fil-perjodu imesmmi.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**